**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Settembru 2021**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 62/2018 JVC**

**Leo Micallef u martu Ines Micallef**

**vs**

**Avukat tal-Istat u b'digriet tad-19 ta' Gunju 2018 gie kjamat in kawza l-HSBC Bank malta plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Leo Micallef u martu Ines Micallef ikkonferma bil-gurament u talbu kif isegwi:

**<u>'L-ewwel parti</u>**

Illi fis-sena 2011 ir-rikorrent ipprezenta kawza civili fl-ismijiet "Leo Micallef et vs. Avukat Dottor Kris Busietta" (Rikors Mahluf Numru 1047/2011 AF), f'liema kawza t-talbiet tieghu ma gewx milqugha.

Illi ghalhekk ir-rikorrent ipprezenta appell mis-sentenza li gie rregistrat fis-26 ta' Marzu 2014 u sallum, aktar minn 4 snin wara, ghadu ma giex appuntat ghas-smigh.

Illi ghalkemm kull min jipprezenta appell ikun herqan biex jara x'se jkun l-ezitu tieghu, mhux l-appellanti kollha jinsabu fl-istess ilma. Fil-kaz prezenti, minbarra li r-rikorrent diga` ilu aktar minn erba' (4) snin jistenna biex l-appell tieghu jigi appuntat ghas-smigh, ir-rikorrenti qed ikollhom jerfghu l-piz tal-ammont li HSBC Bank Malta plc qieghed jippretendi minghandhom, inkluzi l-interessi bankarji ta' 8% fis-sena, liema ammont qed ikompli jikber stante li l-kwistjoni li hemm pendenti f'din il-kawza tista' tiddetermina wkoll il-kwistjoni tad-dejn mal-Bank. Dina s-sitwazzjoni l-awtoritajiet jafu biha u xorta wahda hallewha tipperdura ghal numru ta' snin u qieghda tikkawza lir-rikorrenti u lill-familja taghhom ansjeta`, turbament u tbatija intensa, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-proceduri.

Illi `il fuq minn erba' snin interessi mhumiex negligibbli, u kull zmien, bl-interessi bankarji jakkumulaw, qieghed jissarraf f'eluf ta' Euro li r-rikorrenti qed ikollhom jitghabbew bihom b'rizultat ta' dan id-dewmien eccessiv.

Illi r-rikorrenti pprezentaw tliet (3) rikorsi matul dawn l-ahhar 4 snin li bihom talub illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha tappunta l-appell taghhom ghal data vicina bil-ghan li l-appell jigi

ttrattat u deciz malajr kemm jista' jkun sabiex l-interessi ma jkomplux jakkumulaw. Kull wiehed mit-tliet rikorsi taghhom gie michud. Ir-rikorrent gie nfurmat li fadal madwar sena ohra biex dan l-appell jigi appuntat.

Illi dan id-dewmien jivvjola r-'*reasonable time requirement*' u cioe` id-dritt tieghu ghal determinazzjoni tad-drittijiet civili tieghu fi zmien ragonevoli. Aghar minn hekk, l-interessi bankarji qeghdin ikomplu jakkumulaw.

Illi r-rikorrenti jattribwixxu dan kollu –

(1) lill-Gvern billi ma firidx is-smigh tal-kawzi civili u kriminali mis-smigh tal-kawzi kostituzzjonali sabiex dawn ta' l-ahhar jinstemghu minn Gudikatura Kostituzzjonali separata u distinta, u dan kif gie rrakkomandat mill-Kummissjoni Bonello,

(2) lir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali billi naqas li jadotta u jizgura li jkun hemm fis-sehh sistema biex l-appelli jigu mismugha u decizi fi zmien ragonevoli, u

(3) lill-Avukat Generali, li jirrapprezenta lill-Gvern kif ukoll lill-Qrati tal-Gustizzja fi proceduri kostituzzjonali, li wkoll ghandu d-dmir li jizgura li l-kawzi ma jibqghux bejn 4 u 5 snin weqfin fil-queue filwaqt li r-rikorrenti u bosta appellanti ohra jithallew ibatu l-konsegwenzi tad-dewmien. Dan meta l-kawza diga` ilha pendenti mill-2011.

Illi filwaqt li erba' jew hames snin ghandu jkun il-'*cut-off point*" ghas-smigh ta' kawza shiha, f'pajjizna erba' jew hames snin sar il-perijodu kemm l-appellanti kollha fil-kawzi civili jridu jdumu

jistennew biex l-appell taghhom jigi appuntat ghas-smigh, u dan huwa inaccettabbli.

Illi sadanittant, ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali baghatilhom kont tal-kawza deciza fil-11 ta' Marzu 2014 ghall-ammont ta' sebat elef u sitt mija u erba' euro u disghin centezmu (**EUR 7,604.90**) biex jithallas **fi zmien hamest (5) ijiem**! Ir-rikorrenti kienu kostretti jikkontestaw dan il-kont b'kawza ta' ritassa Rikors Numru 279/2014, li wkoll ghadha pendenti. Fis-6 ta' Frar 2018, ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali pprezenta ittra ufficjali numru 401/2018 fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili li biha regghu ntalbu jhallsu dan l-ammont ta' **EUR 7,604/90 fi zmien erbat (4) ijiem**!

Illi gie ritenut fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem illi –

> *".... if a state of affairs of this kind is prolonged and becomes a matter of structural organisation, such methods are no longer sufficient and the State will not be able to postpone further the adoption of effective measures."*

Fis-sentenza taghha fil-kaz **Zimmerman and Steiner v. Switzerland** (1983), li minnu giet mehuda din is-silta hawn fuq riprodotta, il-Qorti rriteniet hekk:

> *"There has therefore been a violation of Article 6 § 1. The Court does not have to specify to which national authority this violation is attributable: the sole issue is the international responsibility of the State (see the above-mentioned Foti and others judgment, ibid., p. 21, § 63."*

Illi r-rikorrenti ghalhekk qieghdin jattribwixxu d-dewmien gudizzjarju ghal nuqqasijiet da parti ta' l-awtoritajiet ta' l-Istat.

Illi minkejja li r-rikorrenti pprova permezz ta' tliet rikorsi jikseb rimedju ragonevoli ghas-sitwazzjoni li tqieghed fiha, il-President uxxenti tal-Qorti tal-Appell xorta ma tah l-ebda rimedju. Ghalhekk, ir-rikorrenti qeghdin jibbazaw il-lanjanzi taghhom mhux biss fuq l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar ksur tar-'*reasonable time requirement*', izda wkoll fuq l-Artikolu 13 abbinat ma' l-Artikolu 6 peress li ghal erba' snin shah huma kienu u ghadhom sallum minghajr mezz ta' rimedju biex l-appell taghhom ifittex jinstema', u jidher li jridu jistennew aktar zmien.

Illi r-rikorrenti qed ikollhom ihallsu EUR 500 fix-xahar lil HSBC Bank Malta plc biex jippruvaw jaqtghu l-interessi biss ghaliex altrimenti l-ammont dovut jisplodi `l fuq jekk ma jsirux pagamenti mensili minnhom. Ghalhekk, ir-rikorrenti qeghdin jinvokaw ukoll id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti garantit mill-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghaliex, minhabba d-dewmien tal-Qorti, huma qed ikollhom jaghmlu tajjeb ghad-dewmien eccessiv permezz ta' pagamenti ta' EUR 500 kull xahar lil HSBC Bank Malta plc biex jippruvaw jikkontrollaw id-dejn mal-Bank jew ilahhqu mal-hlas lura tal-kreditu li l-Bank qed jezigi minghandhom. Barra minn hekk, il-Bank darbtejn ipprova jgib id-dar ta' residenza taghhom ghall-bejgh bis-subbast.

Illi r-rikorrenti pprezentaw Protest Gudizzjarju kontra l-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali, Registratur Qrati Civili u Tribunali u Avukat Generali u gab dina s-sitwazzjoni a formali konjizzjoni taghhom, izda sallum hadd minnhom ma rrisponda. Permezz ta' l-imsemmi Protest Gudizzjarju, ir-rikorrenti zammew lill-intimati responsabbli skont il-ligi ghad-dewmien gudizzjarju u

ghall-konsegwenzi kollha tieghu, u poggewhom in dolo, culpa u mora ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, izda inutilment.

**<u>It-tieni parti</u>**

Illi kif accennat qabel f'dan ir-rikors, ir-rikorrenti kienu ottjenew facilita` finanzjarja minghand HSBC Bank Malta plc, jigifieri, loan u overdraft accounts.

Illi hekk kif jirrizulta mill-atti tal-kawza "Leo Micallef vs. HSBC Bank Malta plc" (Rikors Guramentat Numru 1047/2011 AF) u b'rizultat ta' ghemil illegali li hu responsabbli tieghu l-Avukat Dottor Kris Busietta, ir-rikorrenti nhakmu mid-dejn mal-Bank.

Illi sussegwentement, HSBC Bank Malta plc beda proceduri ghall-bejgh tal-proprjetajiet tieghu bis-subbasta (Subbasta Numru 93/2012).

Illi HSBC Bank Malta plc diga` biegh bis-subbasta numru 93/2012 izewg proprjetajiet appartenenti lir-rikorrenti b'telf finanzjarju kbir, fosthom –

- **il-fond numru 8, gia` 73, Triq Hal Saflieni, Paola**, li kien gie akkwistat mir-rikorrenti b'kuntratt tal-25 ta' Mejju 1983, liema fond ghandu valur fuq is-suq ta' cirka tliet mija u hamsa u ghoxrin elf euro (**EUR 325,000**) skont stima tal-Perit Arkitett David Ellul Mercer, li gie akkwistat fis-subbasta minn HSBC Bank Malta plc bil-prezz ta' disgha u disghin elf euro (**EUR 99,000**);
- kif ukoll **il-fond mezzanin numru 50, Dockyard Street, Paola**, li jiswa cirka mija u tmenin elf euro (**EUR 180,000**), li gie akkwistat fis-subbasta minn HSBC Bank Malta plc bil-prezz ta' sitta u ghoxrin elf euro (**EUR 26,000**).

Illi l-Bank ipprezenta nota relattiva fl-atti tas-subbasta sabiex joffri 'animo compensandi'.

Illi HSBC Bank Malta plc, minkejja li akkwsita zewg proprjetajiet permezz tas-Subbasta Numru 93/2012 minghand ir-rikorrenti, qed jitlob ukoll minghand ir-rikorrenti l-bilanc.

Illi dan ifisser li filwaqt li l-Bank sar is-sid taz-zewg proprjetajiet taghhom fuq indikati, ittenta jressaq it-tieni Subbasta bin-Numru 94/2012 sabiex jinbieghu zewg proprjetajiet ohra appartenenti lir-rikorrenti, jigiferi –

- **il-fond Tigne` Court, Triq Mattew Pulis, Sliema**, li jinsab fil-vicinanzi ta' The Point Shopping Complex, liema proprjeta` giet stmata mill-Perit Arkitett Robert Zerafa bil-valur ta' mija u hamsa u tletin elf euro (**EUR 135,000**); u
- d-dar ta' abitazzjoni taghhom, **Villa The Rose, numru 147, Luqa Road, Tarxien**, li giet stmata mill-Perit Arkitett Robert Zerafa bil-valur ta' erba' mitt elf euro (**EUR 400,000**).

Illi b'hekk il-Bank ghamel profitt enormi permezz ta' l-ewwel subbasta u qed jipprova jaghmel l-istess permezz tat-tieni subbasta, liema subbasta twaqqfet b'ordni tal-Qorti.

Illi, bhallikieku dan ma kienx bizzejjed, HSBC Bank thallas b'idejh minn erba' (4) investimenti li kellu r-rikorrent:

(1) HSBC International Funds SICAV plc UK General Fund
(2) HSBC Malta Fundss SICAV plc International Bond Fund (MTL) – Accumulator Shares

(3) HSBC Malta Funds SICAV plc Malta Govt. Bond Fund – Accumulator Shares
(4) HSBC Malta Funds SICAV plc International Bond Fund (EUR) – Accumulator Shares.

Illi l-Bank mexxa wkoll Subbasta ta' Immobbli Numru 62/2016, kif ukoll Mandat ta' Zgumbrament numru 664/2013 sabiex jigi zgumbrat mill-fond mezzanine 50, Triq it-Tarzna, Paola.

Illi l-Bank, permezz ta' disposizzjonijiet tal-ligi li ma jipproteguх adegwatament lir-rikorrenti debituri, qed jithalla jaghmel herba bil-proprjetajiet taghhom billi jikkredita l-ammont li jrid hu minkejja li l-proprjetajiet taghhom kienu jiswew hafna izjed. Dan jikkostitwixxi ksur separat tal-Artikolu 1 Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**<u>Valur reali tal-proprjetajiet</u>**

Illi d-disposizzjonijiet tal-ligi li jirrigwardaw is-subbasta jippermettu u jawtorizzaw it-tehid tal-proprjeta` b'mod sfurzat, b'valur ferm inqas mill-valur reali tal-istess proprjeta`, u b'hekk icahhdu lir-rikorrenti mit-tgawdija tal-proprjeta` tieghu stante l-bejgh sfurzat b'valur ferm inqas mill-valur reali, haga li l-ligi dwar is-subbasta m'ghandux jippermetti peress li jilledi d-dritt garantit mill-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi skont l-artikolu 319 (5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta –

*"L-ebda offerta ma tista' tigi accettata jekk tkun inqas minn sittin fil-mija (60%) tal-valur li bih l-oggett mobbli, l-immobbli jew l-azjenda kummerjcali jkun gie stmat ..."*

Illi konsegwentement dina d-disposizzjoni tal-ligi tohloq zbilanc bejn id-dritt tal-kreditur li jithallas lura u d-dritt tad-debitur li jissalda d-debitu tieghu peress li l-proprjeta` tkun inbieghet b'valur inqas mill-valur reali taghha. Ir-rikorrenti jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Kanala v. Slovakia** moghtija fl-10 ta' Lulju 2007 (*Application No. 57239/00*).

**<u>Ksur tal-Positive Obligations li ghandu l-Istat</u>**

Illi fil-gurisprudenza moderna tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem huwa ormai stabilit il-koncett illi l-artikoli tal-Konvenzjoni Ewropeja jimponu sija obbligazzjonijiet negativi u sija obbligazzjonijiet pozittivi. Barra minn hekk, kull dritt fondamentali jirrikjedi u ghandu jinqara fl-isfond tal-principju bazilari tal-Proporzjonalita`.

Illi fir-rigward ta' certi drittijiet l-obbligazzjonijiet pozittivi jemanu minn qari tal-artikolu tal-Konvenzjoni stess, filwaqt li, fir-rigward ta' uhud ohra, l-obbligazzjonijiet pozittivi jirrizultaw minn kif evolviet il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja. Issa in kwantu ghad-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta` garantit mill-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-obbligazzjonijiet pozittivi johorgu mid-dicitura tal-istess artikolu li jipprovdi dan id-dritt fondamentali.

Illi jekk aspett wiehed tal-obbligazzjoni pozittiva fir-rigward ta' dan l-artikolu huwa li jkun hemm qafas ta' ligi fejn ikun mehtieg, ossija, *a proper legal framework in place*, u ghalhekk il-htiega ta' promulgazzjoni ta' ligi fejn ikun necessarju, isegwi allura illi fejn ikun hemm *lacuna* fil-ligi, dan jitqies vjolazzjoni tal-istess dritt fondamentali garantit.

Illi fir-regim li jreggi hawn Malta dwar il-bejgh bis-subbasta ma jezisti l-ebda provvediment fejn, jekk il-kreditur jakkwista proprjeta` minghand is-sid b'valur inqas mill-valur reali, u jbiegh, jiddisponi jew jaghmel uzu minn dik il-proprjeta` bi profitt, dik id-differenza jew bilanc titnaqqas awtomatikament mid-dejn originali jew rimanenti tad-debitur. Kif inhi l-ligi llum, id-differenza bejn il-prezz li bih il-proprjeta` tkun inhelset fis-subbasta u l-valur taghha fis-suq tmur ghand il-kreditur filwaqt li d-debitur jitlef b'daqstant flus mill-valur ta' dik il-proprjeta` fuq is-suq.

Illi kif inhi l-ligi llum, id-debitur ma jistax jinvoka favur tieghu dina d-differenza bejn il-prezz fis-subbasta u l-valur reali, u jrid jissokkombi ghat-telf ta' dina d-differenza mirbuha esklussivament mill-kreditur meta dan jerga' jiddisponi minnha bi profitt, kif gara fil-kaz tar-rikorrenti Leo u Ines konjugi Micallef.

Illi dan in-nuqqas da parti tal-legislatur taqqas u aggrava l-lezjoni subita peress illi, mhux bizzejjed li l-proprjeta` ittiehdet b'valur ferm inqas minn dak reali, izda wkoll m'hemm xejn fil-ligi li jimpedixxi lill-Bank milli jbiegh l-istess proprjeta` tar-rikorrenti b'somma akbar, jaghmel qliegh u jzomm ferm u b'mod assolut id-dritt ghat-total tal-bilanc. Dan l-aspett johloq indubbjament sproporzjon irrimedjabbli ghar-rikorrenti.

Illi huwa ingust u assolutament kontra l-ispirtu ta' dan id-dritt garantit mill-Konvenzjoni illi a skapitu tad-debitur, il-kreditur, apparti l-interessi legali, jaghmel qliegh fuq id-dejn u fuq dahar ir-rikorrenti bil-bejgh tal-proprjetajiet taghhom.

**Talbiet**

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1) tiddikjara li r-rikorrenti sofrew vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll ta' l-Artikolu 13 abbinat ma' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja minhabba d-dewmien eccessiv biex jigi mismugh u deciz l-appell ipprezentat minnhom erba' snin ilu;

2) tiddikjara li r-rikorrenti sofrew vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja '*inter alia*' peress li kellhom ihallsu EUR 500 kull xahar matul dawn is-snin kollha ta' stennija biex ma jhallux id-dejn bankarju jisplodi `l fuq;

3) tordna illi l-appell jigi appuntat biex jinstema f'data vicina;

4) tordna l-hlas ta' kumpens lir-rikorrenti, li jkun jinkludi d-danni pekunjarji, kif ukoll id-danni non-pekunjarji ossija danni morali minhabba l-ansjeta`, tbatija u deterjorament ta' sahhithom it-tnejn b'rizultat ta' aktar minn erba' snin ta' stennija, bil-proceduri weqfin kompletament;

5) tordna lill-intimat ihallas wkoll l-ispejjez gudizzjarji kollha stante li d-dewmien eccessiv huwa attribwibbli lill-Istat;

6) tiddikjara illi l-artikolu 319 (5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jippermetti l-bejgh ta' proprjeta' bis-subbasta anke b'sittin fil-mija (60%) biss tal-valur tal-istess proprjeta` jilledi

d-dritt fondamentali tar-rikorrenti kif protett bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

7) Tiddikjara illi l-fatt li l-legislatur naqas mill-obbligu li jissalvagwardja d-dritt tad-debitur li ma jigix imcahhad mill-proprjeta` tieghu u dan billi jillegisla fis-sens illi jekk kreditur ikun akkwista proprjeta` tad-debitur bis-subbasta u jbiegh, jiddisponi jew igawdi l-istess bi profitt ghalih, jigifieri, b'ammont akbar minn dak li jkun hallas biex jakkwistaha, dan ikun jilledi l-obbligazzjoni pozittiva imposta mill-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

8) Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti sanciti bl-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, inluz okkorrendo t-thassir tas-subbasta li permezz taghha nbieghu z-zewg fondi tar-rikorrenti, u terga' tqieghed lir-rikorrenti fil-posizzjoni li kienu fiha qabel il-liberazzjoni tal-proprjeta` in kwistjoni jew tordna li l-bilanc tal-kreditu dovut lil HSBC Bank Malta plc jigi aggustat skont il-valur reali tal-proprjeta` li nbieghet mill-patrimonju tar-rikorrenti jew tordna li l-istess proprjeta` tinbiegh b'somma akbar minn dik li offra ghaliha l-Bank u li din tigi awtomatikament imnaqqsa mill-bilanc, u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

9) Bl-ispejjez.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

1. 'Illi qabel xejn billi r-rikorrenti qeghdin f'din il-kawza jitolbu fost hwejjeg ohra t-thassir ta' subbasti fejn kien hemm involuti terzi, b'mod partikulari l-HSBC Bank Malta plc, li sahansitra anke akkwistaw gid bis-sahha ta' dawn is-subbasti, allura jinhass xieraq ghall-ghanijiet ta' integrita` ta' gudizzju li l-partijiet kollha f'dawn il-proceduri ta' subbasta jkunu parti f'din il-kawza, halli b'hekk kulhadd ikollu l-jedd li jghid tieghu u b'hekk hadd ma jkun jista' jigi wara u jilmenta li ttiehdet xi decizjoni li tolqot dawk is-subbasti fl-assenza tieghu;

2. Illi dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, l-esponent ma jaqbilx li hemm ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghaliex il-proceduri civili bin-numru ta' riferenza 1047/21 ilhom quddiem il-Qorti tal-Appell ghal aktar minn erba' snin. Anke quddiem il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem stess, kawzi jdumu pendenti quddiemha ghal aktar minn erba' snin. Ghalhekk jekk dewmien ta' erba' snin jew iktar quddiem il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem huwa ragonevoli, bl-istess xiber, zmien bhal dan ghandu jitqies li huwa ragonevoli wkoll ghall-Qorti tal-Appell Maltija;

3. Illi safejn l-ewwel talba tar-rikorrenti dwar id-dewmien quddiem il-Qorti tal-Appell tinsab imsejsa fuq ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, tali talba hija ghalkollox minghajr bazi legali. L-artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma jezigix xi procedura partikolari dwar kif ghandu jinghata rimedju. L-importanti huwa li jinghata

rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali. Jigifieri r-rimedju kostituzzjonali nnifsu jista' jitqies ukoll bhala rimedju effettiv fl-ambitu tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni;

Tabilhaqq bl-intavolar ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali r-rikorrenti stess qeghdin jgharrfu li s-sistema Maltija tipprovdi ghal rimedju domestiku li huwa effettiv. Li kieku ma kienx hekk ir-rikorrenti ma kinux sejrin joqghodu jifthu dawn il-proceduri. Ghalhekk safejn ir-rikorrenti qeghdin jilmentaw minn ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dan huwa manifestament hazin ghaliex dawn il-proceduri stess u din l-Onorabbli Qorti bhala awtorita' nazzjonali ghandhom is-setgha li jaghtu rimedju effettiv lir-rikorrenti, jekk kemm-il darba huma jsehhilhom juru li tassew gew imkasbra fil-jeddijiet fundamentali taghhom kif imharsa taht il-Konvenzjoni Ewropea;

4. Illi dwar it-tieni talba tar-rikorrenti kif mibnija fuq l-ewwel artikoli tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent itenni illi l-istat fl-ebda waqt tal-kawza civili 1047/2011AF ma ha xi proprjeta' lir-rikorrenti jew b'xi mod fixkilhom fit-tgawdija ta' gidhom. Hekk ukoll l-esponent ma jifhimx kif ir-rikorrenti qeghdin jghidu li l-hlas li huma suppost qed jaghmlu ta' €500 fix-xahar huwa marbut mad-dewmien fil-proceduri 1047/2011AF. Minn dak li qed jifhem l-esponent, ir-rikorrenti qed ihallsu dan l-ammont mhux ghaliex hemm din il-kawza pendenti izda ghaliex huma hadu self mill-Bank li jridu jhallsuh lura;

5. Barra minn dan, jidher ghallinqas mis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Marzu 2014 (ara Dok. AG1) li kien tort tar-rikorrenti li hadu self aktar milli

kienu jifilhu. Sumptus censum ne superet. Ghaldaqstant anke din it-talba mhijiex wahda misthoqqha  u ghalhekk ghandha tigi michuda;

6. Illi t-tielet, ir-raba' u l-hames talba huma konsegwenzjali ghall-ewwel zewg talbiet. Darba li fil-fehma tal-esponent l-ewwel zewg talbiet ma jistghux jintlaqghu, ghandhom jaqghu wkoll it-tielet, ir-raba' u l-hames talba;

7. Illi dwar is-sitt talba u s-seba' talba, jibda billi jinghad li r-rikorrenti ma jistghux jinvokaw l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta biex jikkontestaw l-artikolu 319(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex skont l-artikolu 37(2)(f) u (h) tal-Kostituzzjoni, ebda haga f'dan l-artikolu m'ghandha tinftiehem li tolqot l-ghemil jew hdim ta' xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta', li ssehh fil-kuntest ta' ezekuzzjoni ta' kuntratt u/jew ordni tal-Qorti;

8. Illi b'zieda ma' dan, l-artikolu 319(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jinsab imhares ukoll bl-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi testwalment li, *"Ebda haga fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma ghandha tolqot il-hdim ta' xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962 jew xi ligi maghmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-sehh minnufih qabel dik id-data (jew xi ligi li, minn zmien ghal zmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)..."* Mhemmx dubju li l-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ilu fis-sehh fil-ligi Maltija ferm qabel is-sena 1962 u ghalhekk mhux milqut bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

9. Illi f'kull kaz, ebda ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jista' jigi misjub hawnhekk, minhabba li fic-cirkostanzi fattwali ta' dan il-kaz il-Gvern ta' Malta ma ha ghalih l-ebda proprjeta' b'mod obbligatorja jew imgieghel minghand ir-rikorrenti;

10. Illi safejn is-sitt u s-seba' talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, dik ukoll mhijiex misthoqqa. L-artikolu 319(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija mizura legittima mehuda fl-interess pubbliku sabiex jigi zgurat li kredituri li jiksbu titolu ezekuttivi jkunu jistghu jigbru dak li huwa dovut lilhom. Barra minn hekk, l-artikolu msemmi jzomm bilanc gust u xieraq bejn il-jeddijiet tal-kredituri u l-jeddijiet tad-debituri;

11. Illi l-limitu minimu ta' 60% imsemmi fl-artikolu 319(5) qieghed hemm fl-interess tad-debitur stess sabiex jigi zgurat li l-gid immobbli ma jinbieghx bix-xejn. Min-naha l-ohra pero' d-debitur ma jistax jippretendi li l-bejgh tal-gid immobbli jrid bilfors jitlaq ghal-prezz indikat fl-istima tal-perit. Dan ghaliex jekk ma jkun hemm hadd li joffri l-prezz shih indikat fl-istima tal-perit, dan ikun ifisser li l-valur reali tal-gid immobbli fuq is-suq ikun inqas minn dak li jkun haseb il-perit. Wara kollox il-valur reali tal-gid immobbli jigi dettat mill-ezitu tal-irkant u mhux mill-istima tal-Perit;

12. Illi ghalhekk huwa sewwasew importanti li d–debitur jirreklama tajjeb l-irkant gudizzjarju halli b'hekk jattira aktar nies u jkabbar aktar il-possibiltajiet tieghu li gidu jinbiegh bi prezz gholi. Aktar mill-valur tal-istima, huwa dan l-element ta' pubblicita' (previst fil-ligi stess), illi huwa l-aqwa mezz tad-debitur biex igib prezz tajjeb u "tas-suq" ghall-gid immobbli tieghu;

13. Illi zgur u mhux forsi ma jistax ikollok sitwazzjoni li l-gid immobbli jibqa' ma jinbiegh qatt u jinzamm fuq l-ixkaffa sakemm wiehed li joffri l-prezz li jkun stima l-perit (li wara kollox, tista' tinstab illi hija gholja izjed mill-valur li lest li joffri s-suq). Li kieku jigri li wiehed jibqa' jistenna offerent li jilhaq l-istima tal-perit, jigu ppregudikati l-jeddijiet tal-kreditur li wkoll ghandu drittijiet daqs id-debitur. F'tali cirkostanzi l-limitu minimu ta' 60% imsemmi fl-artikolu 319(5) izomm bilanc gust u ekwu bejn il-jeddijiet tal-kreditur li jigbor flusu minghand id-debitur u min-naha l-ohra l-jeddijiet tad-debitur li jizgura li huwa ma jitlifx aktar milli jmiss mill-valur tal-assi tieghu mahsuba biex jaghmlu tajjeb ghal djunu;

14. Illi fuq kollox il-fatt li gid immobbli jitlaq ghall-valur ta' 60% tal-istima tal-perit jista' wkoll ikun ta' beneficcju ghad-debitur stess jekk kemm-il darba dan ikun interessat jezercita il-jedd ta' fidwa msemmi fl-artikolu 355 tal-Kap 12 ta' Ligijiet ta' Malta. Dan ghaliex biex jikseb gidu lura d-debitur ma jkollux ghalfejn ihallas 100% izda 60%;

15. Illi dejjem f'dan l-ambitu, ma hemm xejn hazin fil-fatt li kreditur jista' jixtri l-gid b'valur ta' 60% tal-istima maghmula mill-perit. Jekk isir hekk, dan ikun ghaliex il-valur fuq is-suq tal-gid immobbli mpoggi f'irkant ikun ta' 40% inqas mill-ammont li jkun stima l-perit. Huwa bil-wisq logiku li jekk offerenti ma joffrux daqs jew iktar mill-ammont stmat mill-perit, dan ikun sinjal li l-gid immobbli ma jkunx jiswa daqskemm ikun stima l-perit. F'qaghda bhal din, il-prezz tal-offerta animo compensandi tal-kreditur ma tistax tigi

mizjuda ghal valur li jkun oghla minn dak li jkun gie stabbilit fl-irkant;

16. Illi f'dan ir-rigward ghalhekk, l-istat ma jistax jigi mixli li huwa naqas mill-obbligi pozittivi tieghu li jhares il-jeddijiet kemm tal-kredituri kif ukoll tad-debituri;

17. Illi r-rikorrenti lanqas ma huma gustifikati fis-seba' talba taghhom li jippretendu li d-dejn taghhom ghandu jitnaqqas mir-rikavat li l-kreditur jaghmel wara li jbiegh jew jiddisponi l-gid li jikseb mis-subbasta. Ladarba l-gid ma jibqax f'idejn id-debitur, il-kreditur ghandu jkun hieles li jirrealizza bl-ahjar mod il-potenzjal li jista' jikseb mill-gid miksub minnu bis-subbasta. Kull sforz li jrid jaghmel id-debitur biex itaffi d-dejn tieghu jrid jaghmlu qabel is-subbasta u mhux wara s-subbasta. Tassew id-debitur ma jistax jirkeb fuq il-hila tal-kreditur biex ihallas dejnu;

18. Illi ghalhekk thares minn fejn thares lejh l-ilment tar-rikorrenti kontra l-artikolu 319(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ifalli kemm mill-perspettiva tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll mill-perspettiva tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, b'dana ghalhekk li s-sitt u s-seba' talba ghandhom jigu michuda;

19. Illi t-tmien talba wkoll ma tistax tintlaqa' ghaliex ir-rikorrenti ma haqqhom jiehdu l-ebda rimedju ladarba is-sitt u s-seba' talba m'humiex gustifikati;

20. Illi fl-ahharnett, hekk ukoll ghandha tigi michuda d-disa' talba dwar l-ispejjez tal-kawza, galadarba r-rikorrenti ma garrbu l-ebda vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali invokati minnhom;

Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti u tiddikjara li huma ma batew l-ebda ksur tal-jeddijiet kostituzzjonali/konvenzjonali taghhom, bl-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.'.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Gunju, 2018 in vista tal-ewwel eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat Dr Tonio Azzopardi ghar-rikorrenti talab li jkun imsejjah fil-kawza l-HSBC Bank Malta plc u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-kjamat fil-kawza tal-bank HSBC Bank Malta plc u ordnat ukoll in-notifika tar-rikors promotur;

Rat ir-risposta guramentata tal-bank intimat HSBC Bank Malta plc li taqra kif isegwi:

'Illi, qabel kollox, jigi sottomess illi d-digriet tal-Qorti tad-19 ta' Gunju 2018, li permezz taghha l-bank gie kjamat in kawza, ma gietx notifikata lill-istess bank meta hija rceviet l-inkartament li gharrfitha bil-prezenti kawza.

1.0 Preliminari

Din hija kawza ta' xehta Kostituzzjonali, illi biha r-rikorrenti Leo Micallef u martu Ines Micallef qed iressqu ilmenti marbuta ma' zewg kwestjonijiet separati:

(i) L-ewwel serje ta' gravami jirrigwardaw kawza li r-rikorrenti ghandhom kontra avukat li kien jippatrocinahom, Dottor Kris Busietta (Rikors mahluf numru 1047/2011AF), li fiha qed isostnu illi huwa agixxa b'mod negligenti u mhux professjonali fil-konfront taghhom. Din il-kawza, il-konjugi Micallef tilfuha bl-gheruq u x-xniexel quddiem il-Prim

Awla tal-Qorti Civili. Huma pero' ressqu appell fis-26 ta' Marzu, 2014 li ghadu ma giex appuntat ghas-smiegh. F'dan ir-rigward huma qeghdin jinvokaw l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (partikolarment b'rabta mad-dewmien fis-smiegh tal-kaz) kif ukoll l-Artikolu 13 kif abbinat mal-Artikolu 6 (*right to an effective remedy*). Qed jinvokaw ukoll l-Artiklu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan ghaliex skond huma, sakemm ghadhom ghaddejjin il-proceduri u biex ma jirkibhomx id-dejn li ghandhom jissaldaw mal-Bank HSBC, qed ikollhom ihallsu somma ta' hames mitt ewro (€500) fix-xahar. Evidentement, ir-rikorrenti qed jistennew li jirbhu l-appell, jithallsu kemxa flus minghand Dr Busietta, li bihom imbaghad jaqtghu d-dejn konsiderevoli li ghandhom jaghtu lill-Bank;

(ii) It-tieni serje ta' lmenti jirrelataw ma' subasti li saru fuq talba tal-Bank kjamat in kawza sabiex minnhom jithallas il-kreditu dovut lilu mill-konjugi Micallef. It-tezi tar-rikorrenti hija li s-sistema ta' bejgh bis-subasta li nsibu fil-ligi Maltija taghti lok illi l-kreditur jakkwista proprjeta' b'anqas mill-valur tas-suq, b'dan illi l-kreditur imbaghad jinghata c-cans li jaghmel profitt konsiderevoli minn bejgh sussegwenti, a skapitu tad-debitur. B'rabta ma' din, ir-rikorrenti qeghdin mill-gdid jinvokaw l-Artiklu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja, imsieheb mal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, dwar dritt ghall-proprjeta`;

Ghandu jinghad sa mill-bidu, illi certu allegazzjonijiet li qed isiru, irrispettivament mill-veracita` o meno taghhom, mhumiex primarjament indirizzati lill-Bank (li, fil-fatt, ma kienx originarjament inkluz mal-intimati u gie msejjah izjed tard).

Tassew, il-Bank ma jistax jitqies illi jahti ghal allegati nuqqasijiet fil-ligi tas-subasta, kif lanqas jista' jirrispondi ghal ilment illi l-istat mhux qed jaghti "rimedju effettiv". Madanakollu, hemm xi stqarrijiet fir-rikors illi jolqtu lill-Bank b'mod dirett, u huwa fuq dawn il-punti li l-iktar li se ssir emfazi f'din ir-risposta. Jixraq pero` li, qabel xejn, jinghata l-isfond fattwali ghal din il-kwistjoni.

## 2.0 Fatti tal-Kaz

Meta wiehed jaqra r-rikors promotur, facli jahseb illi r-rikorrenti huma vittmi msejkna ta' xi kongura fil-konfront taghhom; traduti mill-Qrati, mis-sistema legislattiva, mill-Bank esponent u sahansitra minn dak li kien il-konsulent legali taghhom, Dottor Busietta. Din il-verzjoni tal-fatti m'ghandhiex mis-sewwa u, ghax ma jaqbilx ghar-rikorrenti, thalli barra elementi krucjali li jbiddlu l-istampa kompletament. Ir-rikorrenti, nghidu ahna, ghandhom kliem mill-anqas dwar il-fatt illi huma ghadhom debituri tal-bank f'mijiet t'eluf ta' ewro, u dan wara li kienu huma li – minn jeddhom – talbu facilitajiet sostanzjali minghand il-bank HSBC, offrew bhala garanzija d-diversi proprjetajiet taghhom u mbaghad iddekadew mill-obbligi taghhom.

Jirrizulta illi permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 27 ta' Mejju, 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Abigail Schembri, rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficcjali datata 30 ta' Marzu, 2012, il-Bank esponenti gie ikkonfermat kreditur ta' Leone Micallef bhala debitur principali *in solidum* ma' martu Ines Micallef fis-somma ta' €331, 582.43 oltre l-imghaxijiet legali ulterjuri mill-20 ta' Marzu, 2012 sad-data tal-pagament effettiv skond l-istess ittra ufficjali.

B'kuntratt iehor ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 27 ta' Mejju 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Abigail Schembri u rez ezekuttiv permezz

ta' zewg ittri ufficjali datati 30 ta' Marzu 2012, il-Bank esponenti gie kkonfermat kreditur ta' Leone Micallef bhala debitur principali, u ta' Ines Micallef bhala *garanti solidali* ta' Leone Micallef fis-somma ta' €32,123.39 oltre l-imghaxijiet legali ulterjuri mill-20 ta' Marzu 2012 sad-data tal-pagament effettiv skont l-istess ittra ufficcjali.

Ir-rikorrenti Leone u Ines Micallef **ma ikkontestawx l-ittri ufficjali u qatt m'attakkaw it-titolu ezekuttiv** li kiseb il-Bank fil-konfront taghhom.

Illi in ezekuzzjoni tat-titolu tieghu, u l-inadempjenza tar-rikorrenti li jhallsu d-debitu, il-Bank esponenti talab il-bejgh bis-subasta ta' zewg fondi appartenenti lill-konjugi Micallef. Fis-subasta 95/2012 fl-ismijiet *HSBC Bank Malta plc vs Ines Micallef* inbiegh il-fond 8, Hal Saflieni Street, Paola waqt illi bis-subasta 93/2012 fl-ismijiet *HSBC Bank Malta plc vs Leone Micallef* inbiegh il-fond 50, Dockyard Street, Paola.

Fiz-zewg subasti, il-Bank talab lill-Qorti sabiex jithalla jippartecipa fis-subasta *animo compensandi*. Din it-talba ntlaqghet u billi l-oghla offerta kienet tal-Bank esponenti, il-Bank akkwista z-zewg proprjetajiet imsemmija.

Sussegwentement, il-Bank ipprezenta wkoll rikors ghall-awtorizzazzjoni tat-tpacija tal-prezz tal-fondi mal-kreditu tieghu. Anke dan ir-rikors gie milqugh mill-Qorti.

Huwa fatt maghruf illi l-proceduri tas-subasta jinvolvu diversi formalitajiet ghall-protezzjoni tad-debituri, inkluz pubblicita', obbligi ta' notifika li jehtieg illi jigu osservati strettament f'kull

stadju tal-proceduri u fil-prezentata ta' kull att relatat mal-proceduri.

Ir-rikorrenti Leon u Ines Micallef, ghalkemm debitament notifikati:

- M'opponewx ghall-bejgh bis-subasta
- Ma ikkontestaw bl-ebda mod il-valuri illi l-Periti teknici mqabbda mill-Qorti taw lill-fondi in kwestjoni
- M'opponewx li l-Bank jithallas jressaq offerti tieghu fis-subasta *animo compensandi*
- M'opponewx ghat-talba tal-Bank ghat-tpacija.

Ir-rikorrenti Leone u Ines Micallef setghu ukoll, kieku xtaqu, jezercitaw il-*jus redimendi* u cjoe d-dritt ai termini tal-Artikoli 355 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

> 355. (i) Id-debitur ikollu l-jedd ta' fidwa ta' hwejjeg immobbli u ta' azjenda kummercjali mibjughin fl-irkant sakemm dak il-jedd huwa jezercitah fi zmien erba' xhur mid-data ta' l-iskrizzjoni ta' l-att tal-liberazzjoni fir-Registru Pubbliku.

Ir-rikorrenti Leone u Ines Micallef m'ezercitawx il-*jus redimendi* moghti lilhom bil-ligi.

Illi bhala konsegwenza, il-Bank esponenti sar il-proprjetarju assolut tal-proprjetajiet imsemmija u r-rikorrenti ma kien fadlilhom assolutament ebda jedd fuq dawn il-proprjetajiet.

Illi minkejja l-bejgh tal-fondi, il-Bank xorta kien fadallu bilanc x'jiehu minghand il-konjugi Micallef, u ghalhekk nieda

separatament proceduri ta' subasta b'rabta ma' zewg proprjetajiet ohra tar-rikorrenti (94/2012 u 62/2016).

Fil-frattemp pero', ir-rikorrenti Micallef intavolaw rikors mahluf kontra l-konsulent legali precedenti taghhom l-Avukat Dottor Kris Busietta (1046/2011AF). Jidher li f'din il-kawza huma qed jallegaw illi l-Avukat Busietta naqas milli jipprezenta kawza kontra l-kumpanija Chain Services Limited sabiex din taddivjeni ghall-kuntratt ta' xiri ta' proprjeta' ta' Micallef f'Hal Tarxien u qeghdin ghalhekk jippretendu hlas ta' danni minghand Dr Busietta ghal telf ta' dan in-negozju.

M'ghandux ghalfejn jinghad illi l-Bank esponenti huwa ghal kollox estranju ghal din il-kawza kontra l-avukat Busietta. Madanakollu, bl-iskuza ta' din il-procedura, ir-rikorrenti ottjenew is-sospensjoni tas-subasti msemmija 94/2012 u 62/2016. Jidher illi l-Qorti (kif diversament presjesuta) irragunat illi Micallef kellhom mnejn jirbhu l-kawza u ghalhekk 'il quddiem ikollhom minn fejn ihallsu d-djun lejn il-Bank. Skont il-Qorti din kienet raguni tajba bizzejjed sabiex is-subasti jieqfu. U hekk, il-Bank spicca ma jistax jezercita t-titolu ezekuttiv tieghu, minhabba kawza li fiha mhux parti u li jikkoncernaw kwistjoni li fiha l-Bank ma ghandu ebda interess.

Issa, kif tajjeb stqarrew ir-rikorrenti Micallef, il-proceduri kontra l-avukat Busietta jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell u dan wara rikors t'appell tal-istess rikorrenti. Madanakollu, Micallef (naturalment ghaliex ma jaqblilhomx) ma jghidux x'qalet il-Qorti tal-prim istanza fis-sentenza appellata, u ghalhekk jixraq li tigi hawn mehmuza kopja tal-istess sentenza (Dok HSBC 1). Micallef ma jlissnu xejn dwar il-fatt illi mhux biss it-talbiet taghhom ma gewx milqugha, izda l-Qorti kellha kliem mill-iktar

iebes fil-konfront tal-atturi. Ma jghidux illi l-Qorti sostniet illi "tiddubita ferm il-kredibilita' u l-affidabilita' ta' Leo Micallef" u li hija ddeskriviet l-azzjoni bhala *clutching at straws*. Il-Qorti ddeplorat dak li sejhet "atmosfera ta' theddid" fil-konfront tal-eks-konsulent legali ta' Micallef u "d-disponnibilita' ta' kollega li jippartecipa fl-istess". Fi kliem iehor, il-Qorti f'din is-sentenza fehmet illi l-kawza miftuha minn Micallef kien attentat - illi l-Qorti kjarament iddeplorat – sabiex kemm jista' jkun Micallef jitfghu r-responsabbiltajiet taghhom fuq haddiehor.

L-ahhar episodju f'din is-*saga* huwa proprju l-kawza kostituzzjonali odjerna illi biha issa r-rikorrenti sahansitra jippruvaw jitfghu dell fuq proceduri ta' subasta li ilhom snin maghluqa.

Il-Bank isostni illi din il-kawza Kostituzzjonali trid tinqara u tiftiehem fl-isfond tal-fatti imsemmija u bhala parti minn tattika sabiex il-konjugi Micallef jevitaw obbligi minnhom assunti precedentement.

## 3.0 Sottomissjonijiet legali

Illi, moghti l-isfond fattwali li wassal ghal din il-kawza, il-Bank jissottometti illi t-talbiet tar-rikorrenti Micallef huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jisthoqqilhom illi jigu michuda bl-ispejjez, ghar-ragunijiet li se jitressqu aktar 'il quddiem.

### 3.1 <u>Dwar l-ewwel parti tar-rikors</u>

#### 3.1.1 *Bank mhux legittimu kontradittur*

Kif intqal, l-ewwel parti tar-rikors ghandha x'taqsam mad-dewmien biex l-appell *Micallef vs Busietta* jigi mqieghed ghas-

smiegh. Il-Bank la huwa involut bhala parti, jew b'xi mod iehor, f'dawn il-proceduri u wisq anqas ghandu xi forma ta' kontroll fuq id-dewmien tal-proceduri.

Ghall-kuntrarju, anke l-Bank innifsu qieghed ibati bhala rizultat tad-dewmien fl-appuntar tal-appell. Dan ghaliex, kif ga gie spjegat, Micallef ottjenew sospensjoni ta' zewg subasti sakemm tigi deciza din il-vertenza b'mod finali. Ghalhekk, gjaladarba l-Qorti dehrilha illi t-titolu ezekuttiv tal-bank ghandu jigi sospiz stante litigju bejn zewg partijiet ohra, anke l-Bank qieghed jistenna b'certa herqa illi l-kawza tigi deciza; dan ghalkemm ir-ragunament tal-Qorti, diversament preseduta huwa kkontestat mill-esponenti.

Il-Bank jesponi bir-rispett illi, safejn l-ilmenti tar-rikorrenti huma marbuta mad-dewmien fil-proceduri, u partikolarment b'rabta mal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ahmes talba huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, u m'ghandux lanqs ibati spejjez.

3.1.2 *Dwar l-allegata vjolazzjoni tal-Artiklu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja*

Fl-ewwel parti tar-rikors taghhom, ir-rikorrenti qeghdin jallegaw ukoll illi d-dewmien fl-appuntar tal-appell qed iwassal ghal vjolazzjoni tal-Artiklu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja *'inter alia' peress illi kellhom ihallsu EUR 500 kull xahar matul dawn is-snin kollha ta' stennija biex ma jhallux id-dejn bankarju jisplodi 'l fuq.*

Qabel xejn, il-Bank josserva li dak li ntqal fis-sezzjoni 3.1.1 japplika wkoll ghal dan l-ilment.

Minghajr pregudizzju ghal dan, pero', il-Bank jixtieq jiccara illi l-hlasijiet li qed isiru mill-konjugi Micallef huma, fl-ahhar mill-ahhar, mahsuba biex jaqtghu d-dejn sostanzjali li huma ghandhom mal-Bank, liema dejn jehtieg li jigi saldat irrispettivament mill-ezitu tal-kawza kontra l-Avukat Busietta.

Jidher illi it-tezi tar-rikorrenti huma illi li kieku l-appell ga nstema' u ntrebah minnhom, id-dejn seta' jigi saldat mid-danni mirbuha minghand Dottor Busietta. Madanakollu, dan l-argument huwa **<u>intempestiv</u>** u – almenu f'dan l-istadju – purament **<u>ipotetiku</u>**. Ir-rikorrenti ma ghandhom ebda garanzija illi huma se jirbhu l-appell u huwa biss wara li jsiru jafu l-ezitu tal-appell li jistghu jaghrfu jekk il-"*EUR 500 fix-xahar imhallsa matul dawn is-snin kollha ta' stennija*" ghandhomx jitqiesu bhala danni. F'kull kaz, ghal din il-"hsara" certament mhux responsabbli l-Bank esponenti li, kif intqal, ma ghandu ebda kontroll fuq l-amministrazzjoni tal-Qrati.

Illi ghalhekk anke <u>it-tieni talba </u>jisthoqqilha illi tigi michuda, almenu safejn indirizzata lejn il-Bank esponenti.

3.2 <u>Dwar it-tieni parti tar-rikors</u>

Fit-tieni parti tar-rikors taghhom, ir-rikorrenti qeghdin jilmentaw dwar l-artikli tal-ligi marbuta mal-irkant gudizzjarju ghaliex isostnu li dawn jaghtu vantagg indebitu lill-kreditur. Fil-kaz odjern jidher li l-ilment principali huwa li l-Bank akkwista *animo compensandi* proprjetajiet ghal valur li skont ir-rikorrenti huwa ferm orhos minn dak tas-suq. Micallef isostnu li issa l-Bank se jkollu c-cans li jbieghhom lil terzi bi profitt konsiderevoli u jitfa' l-qliegh fil-but, minghajr ma jgawdu minnu d-debituri. Ghalhekk, bhala rimedju, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu specifikament it-thassir tas-subasta li biha nbieghu l-fondi 8, Hal Saflieni Street, Paola u

50, Dockyard Street, Paola. Alternattivament, qed jitolbu illi l-bilanc tal-kreditu dovut lill-Bank esponenti jigi aggustat skont il-"valur reali" tal-proprjeta' jew illi l-Qorti tordna illi l-proprjeta' tinbiegh b'somma akbar minn dik li offra ghaliha l-Bank u li tigi mnaqqsa mill-bilanc.

Ghal dan, il-Bank jirrispondi kif gej.

3.2.1 *L-ilment huwa mproponibbli safejn immirat lejn l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni*

Safejn l-ilment tar-rikorrenti jolqot l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, dan huwa ghal kollox improponibbli ghaliex skont l-artikolu 37(2)(f) u (h) tal-Kostituzzjoni, ebda haga f'dan l-artikolu m'ghandha tinftiehem li tolqot l-ghemil jew hdim ta' xi ligi safejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta`, **<u>li ssehh fil-kuntest ta' ezekuzzjoni ta' kuntratt u/jew ordni tal-Qorti;</u>**

Illi b'zieda ma' dan, l-artikoli dwar l-irkant gudizzjarju illi jinsabu fil-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jinsabu mharsa wkoll bl-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi testwalment li, *"ebda haga fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma ghandha tolqot il-hdim ta' xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi ligi maghmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-sehh minnufih qabel dik id-data (jew xi ligi li, minn zmien ghal zmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)…"*. Mhemmx dubju li l-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ilu fis-sehh fil-ligi Maltija ferm qabel is-sena 1962 u ghalhekk l-artikli li jinsabu fih ma jistghux jigu attakkati bis-sahha tal-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni;

*3.2.2 Fil-mertu, ma kien hemm ebda ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tal- Artiklu 1 tal-Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja*

Illi f'kull kaz, ebda ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jista' jigi misjub hawnhekk, minhabba li fic-cirkostnazi fattwali ta' dan il-kaz il-Gvern ta' Malta ma ha l-ebda proprjeta' b'mod obbligatorju jew imgieghel minghand ir-rikorrenti u lanqas hemm intenzjoni li l-Gvern "jiehu din il-proprjeta". Kemm hu hekk, il-Bank isibha difficli jifhem kif, il-kuntest ta' subasta gudizzjarja mahsuba biex kreditu jithallas dak li huwa dovut lilu, jista' jitqies tehid forzat ta' proprjeta' mill-istat;

Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq imsemmi, safejn l-ilment tal-kumpannija rikorrenti huwa msejjes fuq l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenjzjoni Ewropea, dan ukoll mhuwiex misthoqq. Il-provvedimenti legali inkluz dawk li jippermettu l-bejgh ta' proprjeta' bis-subasta anke b'sittin fil-mija (60%) tal-valur tal-proprjeta', huma mizuri legittimi mehuda fl-interess pubbliku sabiex jigi zgurat li kredituri li jiksbu titolu ezekuttivi jkunu jistghu jigbru dak li huwa dovut lilhom. Barra minn hekk, l-artikoli msemmija jzommu bilanc gust u xieraq bejn il-jeddijiet tal-kredituri u l-jeddijiet tad-debituri;

Il-limitu minimu ta' 60% imsemmi fl-artikolu 319(5) qieghed hemm fl-interess tad-debitur stess sabiex jigi zgurat li l-gid immobbli ma jinbieghx bix-xejn. Min-naha l-ohra pero' d-debitur ma jistax jippretendi li l-bejgh tal-gid immobbli jrid bilfors isir ghall-prezz indikat fl-istima tal-perit. F'dan ir-rigward, il-Bank esponenti jinnota illi, siewja kemm hi siewja l-opinjoni tal-perit imqabbad mill-Qorti (jew, jekk nigu ghal dan, kwalunkwe' perit *ex parte)* dak li jiddetermina x'inhu l-"valur tas-suq" huwa jekk hemmx min huwa lest illi jofri dak il-prezz ghall-mobbli mibjugh

bis-subasta. Jekk ma jkun hemm hadd li joffri l-prezz shih indikat fl-istima tal-perit, dak ikun ifisser li l-valur reali tal-gid immobbli fuq is-suq ikun inqas minn dak li jkun haseb il-perit.

Bir-rispett, l-aqwa protezzjoni ghal jeddijiet tad-debitur (kif ukoll tal-kreditur stess) huwa l-element tal-**pubblicita'** illi tahseb ghalih il-ligi stess u li hija, fil-prattika, mghejjuna wkoll mill-amministrazzjoni tal-Qorti. Aktar ma tkun reklamata tajjeb is-subasta – inkluz mid-debitur stess – aktar hemm cans illi jinqalghu nies interessati illi jaghmlu l-offerta taghhom ghall-proprjeta', b'dan illi l-proprjeta' jkollha probabilita' akbar illi tinbiegh ghal prezz li jkun favorevoli. Dan il-prezz, kif ga accennat, jista' sahansitra jkun oghla minn dak prospettat mill-perit tal-Qorti;

Illi min-naha l-ohra, zgur ma jistax ikollok sitwazzjoni li l-proprjeta' tibqa' ma tinbiegh qatt sakemm jitfacca wiehed li joffri l-prezz li jkun stima l-perit. Hawnhekk ma jridx jintesa illi kif id-debitur certament ghandu d-drittijiet tieghu, tant iehor ma jridux jintesew il-jeddijiet tal-kreditur, f'dan il-kaz il-Bank esponenti. Huwa tassew ironiku illi r-rikorrenti Micallef ma jidhirx illi kellhom riservi dwar il-ligi meta offrew il-proprjetajiet taghhom bhala garanzija ghas-self illi huma hadu. Mandanakollu, hekk kif wasal iz-zmien li jhallsu lura djunhom, fis-siegha u l-hin jidhrilhom illi s-sistema legali u gudizzjarja tilledi l-jeddijiet tad-debitur;

B'rabta ma' dan, il-Bank esponenti itenni illi l-limitu minimu ta' 60% imsemmi fl-artikolu 319(5) izomm bilanc gust u ekwu bejn il-jeddijiet tal-kreditur li jigbor flusu minghand id-debitur u min-naha l-ohra l-jeddijiet tad-debitur li jizgura li huwa ma jitlifx aktar milli jmiss mill-valur tal-assi tieghu mahsuba biex jaghmlu tajjeb ghall-obbligi illi jkun assuma;

Illi fuq kollox il-fatt li gid immobbli jista' jitlaq ghall-valur ta' 60% tal-istima tal-perit jista' wkoll ikun ta' beneficcju ghad-debitur stess jekk kemm-il darba dan ikun interessat jezercita il-jedd ta' fidwa msemmi fl-artikolu 355 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ghaliex biex jikseb gidu lura d-debitur ma jkollux ghalfejn ihallas 100% izda 60%. Dan id-dritt jinsab fil-ligi imma d-debituri ghazlu li ma juzawhx;

Illi r-rikorrenti lanqas huma gustifikati meta jgergru dwar il-kuncett tal-offerta *animo compensandi*. Mhux car ghalfejn kreditur jithalla jixhet offerta akkont u bi tpacija tal-kreditu dovut lilu f'subasta li hija pubblika u li ghalhekk fiha jista' jippartecipa kulhadd. Ma jaghmilx sens li l-kreditur jiddepozita flejjes fl-atti tal-irkant jekk huwa jkollu kreditu likwidat li jkun gej minn sentenza, titolu ezekuttiv, kuntratt jew obbligazzjoni bil-miktub ohra. Ikun piz zejjed fuq il-kreditur li jiddepozita flejjes fl-atti tal-irkant meta huwa jkun ghadu ma gabarx il-kreditu tieghu. Hekk ukoll ma hemm xejn hazin li l-kreditur jitlob l-approvazzjoni tal-Qorti li jpaci l-kreditu tieghu mal-valur tal-bejgh tal-gid immobbli fl-irkant. Meta jippartecipa bhala offerent, il-kreditur ma ghandux jigi diskriminat meta mqabbel ma' offerent minhabba s-semplici fatt illi huwa kreditur;

Illi wara kollox jekk ikun hemm xi haga hazina fl-offerta li tkun saret *animo compensandi,* dak li jkun ghandu dejjem il-fakolta' skont l-artikolu 335 li joggezzjona ghal dik l-offerta wara li jkun sar il-bejgh. **Ma saret ebda oggezzjoni mir-rikorrenti f'dan is-sens;**

Illi dak li ma jghidux ir-rikorrenti huwa li l-ligi tipprevedi numru ta' rimedji ghal debituri li jidhrilhom illi hemm xi ghelt f'xi titolu

ezekuttiv jew li xi rkant gudizzjarji ma sarx kif suppost. Madanakollu, kif ga intqal aktar kmieni, ir-rikorrenti ma ezercitaw ebda wiehed minn dawn ir-rimedji u issa, wara li naqsu li jiehdu xi azzjoni *a tempo vergine*, qed johorgu b'dawn l-ilmenti Kostituzzjonali. Fi kliem iehor, il-ligi tassew tfittex li tilhaq bilanc ragonevoli bejn id-drittjiet rispettivi tal-kreditur u tad-debitur u ghalhekk ma tistax titqies ingusta jew anti-Kostituzzjonali. Jekk id-debitur ezercitax jew le r-rimedji moghtija lilu hija storja ohra;

Illi ghalhekk thares minn fejn thares lejn l-ilment tar-rikorrenti dwar il-jedd ghat-tgawdija ta' hwejjigha jfalli kemm mill-perspettiva tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll mill-perspettiva tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

Lanqas ma r-rikorrenti jaghti hjiel ta' x'forma ta' rimedju huwa jippretendi jekk kemm-il darba l-proprjetajiet subbastandi jinxtraw minn terzi u mhux mill-bank ezekutanti!

Illi jekk wiehed kellu jaddotta r-ragunament tar-rikorrenti, dan ikun ifisser illi kwalunkwe spejjez li l-bank jinkorri ghal manutenzjoni tal-proprjeta' in segwitu ghal talba animo compensandi mhux kontestata ghandhom jigu iddebitati lir-rikorrenti u jekk 'il quddiem, il-proprjeta' tinbiegh b'telf dan ghandu, fil-fehma tar-rikorrenti, ifisser illi l-kreditu tar-rikorrenti ghandu jikber proporzjonalment ghat-telf subit.

Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost jinghad oltre illi r-rikorrenti kellhom sa zmien sena minn dakinhar li l-liberazzjoni tal-proprjeta' tigi debitament insinwata fir-Registru Pubbliku biex ifittxu jipproponu t-tmien talba taghhom ossia t-thassir taz-zewg subbasti, li wara kollox ghandu jinghad li ilhom hafna zmien

terminati u dan skont l-artiklu 357A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk, din it-talba, ghad illi mlibbsa l-vesti kostituzzjonali, hija wkoll preskritta a tenur tal-Ligi.

Illi in vista ta' dan, is-<u>sitt, is-seba' u t-tmien</u> talba ghandhom jigu michuda bl-ispejjez

3.2.3 *F'kull kaz ir-rimedju mitlub fit-tmien talba mhux wiehed idoneju*

Illi ghalkemm ir-rikorrenti qed jilmentaw mil-ligijiet nostrani dwar l-irkant gudizzjarju, huma jirrikonoxxu fl-istess waqt illi l-Bank akkwista *animo compensandi* u huwa ormai proprjetarju tal-fond f'Rahal Gdid gja proprjeta' tar-rikorrenti. Kemm hu hekk, huma mhux qed isostnu l-invalidita' tas-subasta *per se* izda pjuttost tal-ligi li abbazi taghha saret dik is-subasta;

Illi huwa proprju ghalhekk illi r-rimedju illi r-rikorrenti qed ifittxu huwa *Kostituzzjonali /Konvenzjonali* u mhux wiehed civili;

Illi huwa sottomess illi fic-cirkustanzi, anke jekk *dato ma non concesso* jirrizulta li gew lezi xi drittijiet tar-rikorrenti, ir-rimedju ghandu jigi provdut mill-Istat u mhux minn entita' privata bhalma huwa l-Bank esponenti. Ghalhekk, jekk jinghata xi rimedju dan ma ghandux ikun wiehed illi jippregudika lill-Bank esponenti u/jew li jregga' lura drittijiet illi l-Bank kellu jew ghandu skont il-ligi. F'dan il-kuntest, ma jkunx legalment korrett u lanqas gust illi tithassar subasta li *ex admissis* saret skont il-ligi u/jew li jitnaqqru d-drittijiet tal-Bank *qua* proprjetarju tal-fondi u/jew bhala kreditur legittimu tar-rikorrenti.

Ghalhekk it-tmien talba f'kull kaz jisthoqqilha li tigi michuda.

## 4.0 Konkluzzjoni

Ghar-ragunijiet migjuba, il-Bank esponenti umilment jissottometti illi t-talbiet kollha tal-kumpannija rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghha.'.

Rat ix-xiehda, affidavits, statements, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tad-29 ta' Novembru, 2018 Dr Tonio Azzopardi talab l-allegazzjoni tal-atti tas-subbasta numru: 93/12 u 94/12 u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat tali allegazzjoni;

Rat l-atti kollha allegati mal-kawza odjerna;

Rat illi fil-verbal datat 20 ta' April, 2021 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Il-kawza odjerna titratta lmenti dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti Leo Micallef et principalment bazati fuq zewg kwistjonijiet – (i) kif relatati mal-kawza 1047/2011AF fl-ismijiet Leo Micallef et -vs- Avukat Dottor Kris Busietta rizultat ta' allegat dewmien eccessiv biex jigi appuntat, mismugh u deciz l-

appell, u, (ii) relatati mal-procedura adoperata fis-subbasti, partikolarment is-subbasta 93/2012 fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177) -vs- Leone Micallef u s-subbasta 94/2012 fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c -vs- Leone Micallef et.

Illi ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina dawn l-allegazzjonijiet..

**<u>Ilment relatat mal-kawza 1047/2011AF - dewmien eccessiv biex jigi appuntat, mismugh u deciz l-appell:</u>**

<u>Allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta:</u>

Ir-rikorrenti Leo Micallef et jilmentaw minn dewmien ezagerat ta' aktar minn erba' snin u tmien xhur li damet il-kawza 1047/2011AF tistenna sabiex tigi appuntata quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell u konsegwentment tigi trattata u deciza. Ir-rikorrenti jilmentaw li f'dan il-perijodu kollu huma kienu qeghdin jigu addebitati b'imghaxijiet komposti mal-bank kjamat in kawza HSBC Bank Malta plc u jsemmu c-cifra ta' hames mitt euro (€500) mhallsa minnhom fix-xahar sabiex ma jhallux id-dejn bankarju jisplodi 'l fuq. Jsostnu li dan kollu jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll tal-Artikolu 13 abbinat mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Jallegaw ukoll li sofrew vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea bil-hlas tal-ammont imsemmi precedentament.

L-Avukat tal-Istat jilqa' ghal dan billi jghid li ma jaqbilx li hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u jsostni li la darba quddiem il-Qorti

Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem kawzi jdumu erba' (4) snin jew iktar, huwa ragonevoli li l-Qorti tal-Appell Maltija wkoll iddum erba' (4) snin jew izjed. Dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni jeccepixxi li din it-talba hija bla bazi legali. Isostni li bl-intavolar tal-proceduri odjerni, r-rikorrenti qeghdin jirrikonoxxu li effettivament is-sistema Maltija tipprovdi ghal rimedju domestiku li huwa effettiv. Fir-rigward l-allegat ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jeccepixxi li l-Istat fl-ebda waqt tal-kawza civili 1047/2011 ma ha xi proprjeta' jew fixkel lir-rikorrenti fit-tgawdija ta' gidhom.

Illi ghall-iskop tal-kaz odjern, l-parti l-aktar ta' rilevanza mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa s-sub-artikolu (2) illi jipprovdi kif isegwi:

> '(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.'

Mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem l-aktar parti rilevanti hija kif isegwi:

> '1. Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn

parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f'socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista' tippregudika l-interessi tal-ġustizzja.'

Jirrizulta li l-appell tal-kawza bir-rikors guramentat numru 1047/2011AF, li dwaru r-rikorrenti qed jilmentaw habba d-dewmien, gie ntavolat fir-registru nhar is-26 ta' Marzu, 2014, filwaqt li r-risposta tal-intimat dahlet fit-22 ta' April, 2014 (ara deposizzjoni ta' Emanuel Sciriha a fol. 46 *et seq* tal-process). Fil-mori tal-kawza odjerna, jirrizulta li l-appell gie appuntat ghal nhar l-4 ta' Dicembru, 2018 (ara verbal a fol. 59 *et seq tal-process*). Ghalhekk it-tul taz-zmien bejn il-prezentata tal-appell u l-appuntament ghas-smiegh tal-appell, li fuqu r-rikorrenti qed jilmentaw, huwa dak ta' erba' (4) snin, tmien (8) xhur, u tmien (8) 'tijiem.

Illi dwar iz-zmien ragonevoli l-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb **Law of the European Convention on Human Rights** (raba' edizzjoni (2018)) jispjegaw illi:

'The purpose of the 'reasonable time' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to court proceedings...against excessive procedural delays' [Stogmuller v Austria A 9 (1969) p 40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 NJ ECL 78 (2014)] and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility' [H v France A 162-A)1989); 12

EHRR 74 para 58].[1]
The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case [Konig v Germany A 27 (1978); 2 EHRR 170 PC and Pedersen and Baadsgaard v Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities [Konig v Germany; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [Frydlender v France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC].[2]'.

Illi dan l-insenjament gie wkoll adottat mill-Qrati taghna fosthom fid-decizjoni fl-ismijiet **David Marinelli -vs- Avukat Generali et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-3 ta' Lulju, 2008 fejn inghad illi:

'B`mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f`xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f`dawk il-proceduri, u b`mod partikolari:
1. in-natura u / jew komplessita` tal-kaz in kwistjoni.
2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u
3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita` gudizzjarja stess.'.

[1] Pagna 440 tal-ktieb.
[2] Pagni 440 – 441 tal-ktieb.

Illi b'differenza mill-kaz appena kwotat, fil-kaz odjern ir-rikorrenti mhumiex jilmentaw minn dewmien fil-procedura tal-kawza bir-rikors guramentat numru 1047/2011AF. Fil-kaz odjern, l-ilment huwa fuq id-dewmien sabiex jigi appuntat l-appell mid-decizjoni tal-ewwel istanza. Ghalhekk il-kriterji li ghandhom jigu applikati huma differenti minn dawk elenkati fl-imsemmija decizjoni.

Illi jibda billi jinghad li l-Onorabbli Qorti tal-Appell mhux biss hija mghobbija bis-smigh tal-appelli tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, pero' hija wkoll mghobbija b'appelli mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Ghawdex), mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Ghawdex) u mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc)[3]. Mhux biss, il-Qorti tal-Appell tiehu wkoll konjizzjoni tal-appelli msemmijin fl-Artikolu 6 tal-Ligi dwar il-Legati taz-Zwieg[4], kif ukoll, ta' kawzi ohra li bid-disposizzjonijiet espressa tal-ligi huma mhollijin ghaliha[5]. Kif hu mistenni lkoll minghajr distinzjoni jridu jinghataw smigh xieraq fi zmien ragonevoli.

Mill-banda l-ohra, jrid jinghad ukoll li l-Onorabbli Qorti tal-Appell hija wkoll tenuta li f'cirkostanzi partikolari elenkati fil-ligi, jitqieghdu l-ewwel ghas-smiegh, u fil-fatt jinstemghu l-ewwel il-kawzi segwenti:

(i) kawzi ta' ritrattazzjoni;

(ii) kawzi ta' spoll imsemmija fl-artikolu 791 tal-Kodici;

---

[3] Ara sub-artikolu 8 tal-Artikolu 41 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).
[4] Ara Artikolu 42 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).
[5] Ara Artikolu 44 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

(iii) kawzi dwar disprezz tal-qorti;

(iv) appelli minn decizjonijiet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

(v) kawzi li ghandhom x'jaqsmu ma' l-gharfien u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi barranin;

(vi) kawzi ta' arbitragg; u

(vii) kawzi li min-natura taghhom stess jenhtieg li jigu trattati bi speditezza ikbar[6].

Illi dan gie spjegat mix-xhud Emanuel Sciriha – Direttur Qrati Civili u Tribunali fix-xhieda tieghu moghtija fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2018 a fol. 46 *et seq* tal-process fejn spjega s-sitwazzjoni tal-Qorti tal-Appell fejn jidhlu fix-xena l-hekk imsejha 'prioritized cases'. Hekk xehed illi:

> '***Il-Qorti :***
> Mr Sciriha, l-Qorti tifhem li hemm certu kawzi pero' li jimxu b'iktar speditezza.
>
> ***Xhud :***
> Iva.
>
> ***Il-Qorti :***
> Li huma prioritize cases. X'inhuma dawn il-kawzi?
>
> ***Xhud :***

[6] Ara sub-artikolu 1 tal-Artikolu 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.09 – Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni.

Dawn huma – hemm il-legislazzjoni sussidjara numru 12.09. Fl-artikolu 9 ta' din il-legizlazzjoni hemm indikat li kawzi ta' spedizzjoni huma l-kawzi ta' ritrattazzjoni, il-kawzi ta' spoll skont l-artikolu 791 tal-Kodici, il-kawzi ta' disprezz, appelli minn decizjoni tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja, kawzi li ghandhom x jaqsmu mal-gharfien u l-esekuzzjoni ta' sentenzi barranin, kawzi ta' Arbitragg, u kawzi li min-natura taghhom stess jehtieg li jigu trattiti bi speditezza.

***Il-Qorti :***
U dawn is-soltu kemm idumu? Ghandek xi statistika jew idea..?

***Xhud :***
Dawk iridu jigu appuntati kemm jista' ikun malajr wara li jaghlaq it-terminu tal-kitba.

***Il-Qorti :***
Tal-kitba. ok.'

Ghalhekk essenzjalment l-Onorabbli Qorti tal-Appell m'ghandiex kontroll shih fuq il-lista u dan stante li meta jidhol appell li jrid jinghata priorita` kif timponi l-ligi, l-Onorabbli Qorti tal-Appell m'ghandiex ghazla ohra hlief li tappuntah u tiddecidieh qabel kazijiet ohra. Ovvjament dawn il-kazi jinghataw il-precedenza stante li minn natura taghhom huma urgenti. Dan izda xejn ma jrendi d-dewmien ta' smigh ta' appelli ohra gustifikat tenut kont tac-cirkustanzi.

Fil-kaz odjern jirrizulta li ghal perjodu ta' ben aktar minn erba' (4) snin, minn meta gie ntavolat l-appell u r-risposta ghall-istess, fil-procedura ta' dak l-istess appell ma sar xejn ghajr li kien qed

jistenna fil-kju sabiex jigi appuntat. Ghalhekk ma jirrizultax li f'dan ir-rigward kien hemm xi nuqqas li jista' jigi addebitat lil xi parti jew ohra. Din il-Qorti tqis li l-perjodu ta' erba' (4) snin, tmien (8) xhur, u tmint (8) ijiem huwa wiehed pjuttost twil anki meta komparat ma' zminijiet ohra fejn l-appelli quddiem l-istess Qorti kienu jiehdu ferm anqas biex jigu appuntati. Din il-Qorti temmen li dan id-dewmien ma kienx rizultat ta' inefficjenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, pero' kien rizultat fost ohrajn ta' bosta nuqqasijiet fis-sistema gudizzjarjarja kif stabilita mill-Istat, nkluz numru limitat ta' gudikanti li mhumiex bizzejjed biex ilahhqu max-xoghol kollu li jidhol fil-Qrati, nkluz fil-Qorti tal-Appell, kif ukoll nuqqas mhux zghir ta' haddiema kwalifikati fil-Qrati li jghinu sabiex il-proceduri jkunu jistghu jimxu b'aktar speditezza nkluzi 'clerks', deputati u anki 'avukati tal-Qorti'. Tant kienu evidenti dawn in-nuqqasijiet li malli giet krejata t-tielet sezzjoni tal-Qrati tal-Appell, kif jissottomettu l-istess rikorrenti, iz-zmien li wiehed jistenna sabiex appell jigi appuntat naqas ghalkemm xorta ghadu wiehed twil. Ghal dawn in-nuqqasijiet fis-sistema jista' biss jahti l-Istat u hadd aktar.

Il-Qorti lanqas taqbel ukoll mat-tieni eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat li jsostni li la darba kien ragonevoli d-dewmien quddiem il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem isegwi li dan kien gjustifikat quddiem il-Qorti tal-Appell. L-ambjenti, il-gurisdizzjonijiet u l-kompetenzi taz-zewg Qrati li bejniethom qed jaghmel komparazzjoni l-Avukat tal-Istat tant huma diversi bejniethom li bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' wiehed jghid li huma l-istess u jikkumparahom.

Illi in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrenti dwar id-dewmien sabiex gie appuntat l-appell huwa gustifikat u ghalhekk ser tghaddi sabiex tiddikjara ksur tal-

Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi madanakollu meta tigi sabiex tistabbilixxi d-danni sofferti mir-rikorrenti, l-Qorti tissenjala li mill-atti mhiex qed tara xi ness dirett bejn id-dewmien fl-appuntar tal-appell in kwistjoni mal-kwistjoni tad-dejn mal-bank kjamat in kawza u l-hlas tas-somma ta' hames mitt euro (€500) fix-xahar, kif donnhom qed jittentaw jargumentaw ir-rikorrenti. Minn dak li rrizulta fl-atti, is-somma ta' hames mitt euro (€500) fix-xahar mhallsa mir-rikorrenti lill-Bank kienet rizultat ta' dejn dovut mir-rikorrenti lill-kjamat in kawza HSBC Bank Malta plc. Ir-rikorrenti Leo Micallef et isostnu li tul dan il-perijodu kollu ta' dewmien huma kienu kostretti jhallsu mghaxijiet komposti mal-bank kjamat in kawza HSBC Bank Malta plc fic-cifra ta' hames mitt euro (€500) fix-xahar. Isostnu li kieku ma kienx hemm dak id-dewmien ma kinux ser ihallsu dak l-ammont ta' imghaxijiet. Madanakollu li ma jsemmux ir-rikorrenti huwa l-fatt li dan kien possibli biss li kieku kien ser ikun hemm decizjoni favorevoli fl-appell fil-konfront ta' Dr. Kristian Busietta u wkoll fl-eventwalita' li kien jirnexxielhom jesegwixxu tali decizjoni. Jirrizulta ghalhekk li fl-eventwalita' ta' decizjoni sfavorevoli, rrispettivament minn kemm dam biex jigi appuntat l-Appell, ir-rikorrenti dejjem u f'kull kaz kienu ser ikollhom ihallsu l-ammont ta' hames mitt euro (€500) fix-xahar. Ta' rilevanza huwa wkoll il-fatt li l-appell in kwistjoni fil-mument li gie appuntat ghas-smigh spicca waqa' dezert rizultat ta' azzjonijiet tar-rikorrenti li naqsu milli jiddepositaw il-kawtela skont il-ligi.

Il-Qorti rat ukoll li sa certu punt il-pendenza tal-appell mid-decizjoni 1047/2011AF spicca kien favorevoli ghar-rikorrenti stante li konsegwenza tieghu irnexxielhom jissospendu l-procedura tas-subbasta 94/12 fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc -vs-

Leone Micallef et. Dan wassal sabiex proprjeta' ohra tar-rikorrenti tinzamm milli tinbiegh u fil-frattemp ukoll ir-rikorrenti b'xi mod irnexxielhom jaslu ghall-hlas ta' dak dovut minnhom lill-Bank.

Dan premess, il-Qorti ma tqis li d-danni reklamati mir-rikorrenti huma dawk ta' hames mitt euro (€500) fix-xahar pretizi mir-rikorrenti huma gustifikati fic-cirkostanzi u ser tghaddi sabiex takkorda danni arbitrio boni viri fis-somma ta' erbat elef Euro (€4,000).

<u>Allegat ksur tal-Artikolu 13 allacjat mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea:</u>

Illi b'referenza ghal dan l-ilment, ir-rikorrenti jilmenta wkoll minn ksur tal-Artikolu 13 allacjat mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrenti jargumenta li ghalkemm huma ntavolaw tlett (3) rikorsi sabiex jiksbu rimedju ragonevoli ghas-sitwazzjoni, l-President tal-Qorti tal-Appell uxxenti ma tax dan ir-rimedju. Imbaghad fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jikritikaw bis-shih l-eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat u cioe' li b'intavolar tal-kawza odjerna rrizulta li r-rikorrenti kellhom rimedju effettiv.

Illi din il-Qorti tibda billi tiddeplora l-kliem mhux xieraq uzat fil-konfront tal-President tal-Qorti tal-Appell precedenti. Bhal ma jaf ben tajjeb l-avukat difensur tar-rikorrenti, id-digriet ma jinghatax mill-President tal-Qorti tal-Appell pero' jinghata mill-Qorti tal-Appell preseduta minn tlett (3) Imhalfin. Il-fatt li r-rikorrenti nghataw risposta negattiva permezz tad-digrieti msemmija ma jawtorizzax lil parti f'kawza jew l-Avukat stess ufficcjali tal-Qorti, li jattakka u jindividwalizza persuna partikolari semplicement ghaliex ma nghatax ragun.

Illi l-artikolu 13 jaqra kif isegwi:

> 'Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali.'.

Illi dwar l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea fid-decizjoni **Angela sive Gina Balzan -vs- Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjoni nhar il-31 ta' Jannar, 2019 inghad illi:

> 'Dan allura jfisser li dak li jesigi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni huwa li l-Istat Malti jipprovdi mekkanizmu ta' rimedju effettiv sabiex persuna li thoss li d-drittijiet fundamentali taghha gew miksura jkollha l-mezz li tfittex ghal rimedju kif ukoll mekkanizmu li fejn jinstab li jkun hemm ksur ta' dawn id-drittijiet fundamentali, il-persuna leza tinghata rimedju effettiv. Il-Qorti ssib li dawn iz-zewg mekkanizmi gew imhaddma mill-Istat fil-kaz tal-lum. Infatti r-rikorrenti mhux biss setghet tiehu azzjoni dwar l-ilmenti kostituzzjonali taghha biex tfittex rimedju permezz ta' dawn il-proceduri stess izda, kif ser jinghad aktar il-quddiem, hija ser tkun qed tinghata rimedju fil-fehma tal-Qorti effettiv ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali kif deciz minn din il-Qorti. Ghalhekk dan l-ilment tar-rikorrenti mhuwhiex ġustifikat.'

Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-intimat li dawn il-proceduri kostituzzjonali huma fihom infushom rimedju effettiv ghall-ilment dwar lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tichad it-talba tar-rikorrenti sa fejn relatata mal-

lezjoni ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Allegat ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:

Ir-rikorrenti hawn hekk jilmentaw li d-dritt ta' tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom sancit bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea gie lez u dan stante li minhabba d-dewmien tal-Qorti, huma kellhom ihallsu hames mitt euro (€500) fix-xahar lill-kjamat fil-kawza biex jippruvaw jikkontrollaw id-dejn mal-bank.

L-Avukat tal-Istat fir-raba' eccezzjoni tieghu jishaq li l-istat fl-ebda waqt ma ha xi proprjeta' lir-rikorrenti jew b'xi mod fixkel fit-tgawdija ta' gidhom.

Illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

> 'Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'

Illi l-interpretazzjoni moghtija b'mod kostanti mill-Qorti Ewropea

tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni hija li:

> 'Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not, however, distinct, in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, among others, **James and Others vs The United Kingdom**, 21 February 1986, §37, Series A no. 98, which reiterates in part the principles laid down by the Court in **Sporrong and Lönnroth vs Sweden**, 23 September 1982, §61, Series A no. 52; see also **Broniowski vs Poland** (GC), n0. 31443/96, §134, ECHR 2004-V). **Hutten-Czapska v. Poland**.)[7]'

Illi bhal ma gja nghad fil-paragrafu precedenti taht is-sezzjoni '<u>Allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta:'</u> il-Qorti ma sabitx li bejn il-kwistjoni tal-hlas tal-ammont ta' hames mitt euro (€500) u d-dewmien fil-kawza 1047/2011AF rrizulta xi ness dirett. Ir-rikorrenti ghazlu li jhallsu l-hames mitt euro (€500) flok ma' jhallsu l-ammont shih

[7] Applikazzjoni numru: 35015/97 – 19th June, 2006.

stante li ma kellhomx a disposizzjoni l-ammont dovut. Madanakollu ma jfissirx li ghaliex ma kellhomx l-ammont dovut biex ihallsu d-dejn taghhom allura jrid jaghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet taghhom l-Istat. Irrispettivament minn x'kien ser ikun l-ezitu tal-kawza 1047/2011AF il-Bank kjamat in kawza kellu jithallas.

Di piu' fil-kaz 1047/2011 l-Istat bl-ebda mod ma ha xi proprjeta' jew cahhad fit-tgawdija tal-proprjeta' lir-rikorrenti. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tichad ukoll din il-parti tat-talba.

Il-kjamat in kawza HSBC Bank Malta plc mhux legittimu kontradditur:

Illi l-kjamat in kawza HSBC Bank Malta plc dwar din l-ewwel parti tar-rikors jeccepixxi li mhux il-legittimu kontradittur stante li jsostni li l-bank huwa estranju ghal kawza 1047/2011 u wisq aktar ma kellux xi forma ta' kontroll fuq id-dewmien tal-proceduri. Isostni li f'dawk ic-cirkostanzi anke l-Bank innifsu kien qieghed isofri kawza tad-dewmien stante li l-proceduri tas-subbasta 94/12 intavolati minnu sabiex ikompli jirkupra l-bilanc dovut lilu kienet gie sospiza pendenti l-ezitu tal-kawza fl-ismijiet Leone Micallef et -vs- Avukat Dottor Kris Busietta.

Illi din il-Qorti trid tezamina din l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza HSBC Bank Malta plc partikolarment in konnessjoni mal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet.

Dwar l-ilment tal-ksur tad-drittijiet fundamentali konsegwenza tad-dewmien sabiex l-appell tal-kawza 1047/2011 jigi appuntat, trattat u deciz:

In sintesi l-kawza 1047/2011 kienet titratta talba ghal-likwidazzjoni ta' danni sofferti mill-rikorrenti Leone Micallef et konsegwenza tan-nuqqasijiet fis-servizzi tal-intimat l-Avukat Dottor Kris Busietta. Il-kjamat in kawza l-bank HSBC Bank Malta plc effettivement ma jiffigura mkien fix-xena tal-kawza msemmija. La kellu x'jaqsam bhala parti u lanqas kellu konnessjoni mal-kwistjoni tad-dewmien fl-appuntar tas-smigh tal-appell. F'dan ix-xenarju l-Qorti taqbel perfettament ma dak eccepit mill-kjamat in kawza u cioe' li pjuttost id-dewmien kien ta' pregudizzju wkoll ghall-istess Bank stante li l-procedura tas-subbasta kienet wieqfa u ma setghetx titkompla qabel l-ezitu finali tal-kawza msemmija.

Il-Qorti f'dan il-kuntest tal-ilment dwar id-dewmien ma tqisx li l-bank kjamat in kawza effettivament kellu xi konnessjoni mad-dewmien aktar u aktar mal-kawza bir-rikors guramentat 1047/2011AF u ghalhekk ser tghaddi sabiex tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju unikament fir-rigward l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet u dan ghar-ragunijiet elenkati.

**<u>Ilment relatat mal-procedura provduta fil-ligi w'adoperata fis-subbasti, partikolarment is-subbasta 93/2012 u s-subbasta 94/2012:</u>**

Illi f'din it-tieni parti, r-rikorrenti Leo Micallef et jilmentaw dwar il-procedura adoperata fis-subbasti u jinsisti li din il-procedura tikser l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Jispjega li malgrad li l-kjamat in kawza akkwistat zewg proprjetajiet permezz tas-subbasta 93/2011 u thallas minn erba' (4) investimenti minghand ir-rikorrenti, dan ma kienx bizzejjed, u qed jerga jitlob proprjeta' addizzjonali sabiex jithallas il-bilanc. Ir-rikorrenti jattribwixxu dan il-ksur principalment ghas-segwenti ragunijiet:

i. Il-ligi li tirrigwarda s-subbasti tippermetti u tawtorizza it-tehid tal-proprjeta' b'mod sfurzat u b'valur ferm inqas mill-valur reali tal-proprjeta' b'dan li tigi mcahhda t-tgawdija tal-proprjeta'. Jilmenta li l-Artikolu 319 sub-artikolu 5 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) johloq zbilanc bejn id-dritt tal-kreditur li jithallas lura u d-dritt tad-debitur li jissalda d-debitu tieghu peress li l-proprjeta' tinbiegh bi prezz irhas;

ii. Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll li bil-ligijiet vigenti tas-subbasta d-debitur ma jistax jinvoka favur tieghu d-differenza bejn il-prezz tas-subbasta u l-valur reali u jrid jissokkombi ghat-telf ta' din id-differenza mirbuha esklussivament mill-kreditur.

Illi l-Avukat tal-Istat fis-seba' (7) eccezzjoni tieghu jsostni li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma jistax jigi utilizzat sabiex jigi kontestat l-Artikolu 319 sub-artikolu 5 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan stante li ai termini tal-Artikolu 37 (2) (f) u (h) tal-Kostituzzjoni ta' Malta: l-ebda haga f'dak l-artikolu m'ghandha tinftiehem li tolqot l-ghemil jew hdim ta' xi ligi sa fejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta fil-kuntest ta' esekuzzjoni ta' kuntratt u/jew ordni ta' Qorti. Fit-tmien (8) eccezzjoni l-Avukat tal-Istat jsostni li l-Artikolu 319 (5) tal-Kapitolu 12 jinsab imhares ukoll bl-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni u ghalhekk stante li l-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ilu fis-sehh fil-ligi Maltija ferm qabel is-sena 1962 ndikata fl-artikolu 47, jsegwi li l-Kapitolu 16 m'ghandux ikun milqut mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

Illi min-naha tal-kjamat in kawza, dwar dan l-ilment bazikament jeccepixxi l-istess bhall-intimat Avukat ta' Istat u cioe' li l-ilment in kwantu jirrigwarda l-allegata lezjoni tal-Artikolu 37 huwa wiehed improponibbli a bazi tal-Artikolu 37 (2) (f) u (h) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Fil-mertu jeccepixxi li m'hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 37 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea stante li fic-cirkostanzi fattwali dan il-Gvern ma ha l-ebda proprjeta' b'mod obbligatorju jew imgieghel minghand ir-rikorrenti.

Illi dwar l-ilment kif relatat mal-applikabilita' tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti taqbel mas-seba (7) u mat-tmien (8) eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat, kif ukoll mal-eccezzjoni tal-kjamat in kawza. Il-Qorti rat li sa certu punt dan gie wkoll rikonoxxut mir-rikorrenti Leo Micallef et fin-nota ta' sottomissjonijiet esebita minnhom.

Fil-kaz tal-allegat ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, r-rikorrenti kemm waqt il-mori tal-kawza, kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet jaghmlu ampja referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Sebastiano Guccione et -vs- Avukat Generali et** fejn il-Qorti tal-ewwel istanza ddecidiet li s-subartikolu hamsa (5) tal-Artikolu 319 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jikser id-dritt fondamentali kif protett bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrenti accennaw ghall-fatt li d-decizjoni msemmija giet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali madanakollu stranament m'ghamlu l-ebda accenn ghall-fatt li l-Qorti Kostituzzjoni biddlet totalment id-decizjoni fir-rigward il-lezjoni msemmija tant li cahdet l-istess.

Il-Qorti f'dan l-istadju tqis, bhal ma fuq kollox ghamlu referenza ampja l-intimati, li jkun opportun li tikkwota mid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali deciza nhar it-27 ta' Marzu, 2020 fejn dwar ilment identiku gie deciz kif isegwi:

> '47. Il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjoni li ghamel il-Bank u cioe' jinsisti li ghandu jkun hemm bilanc fil-konfront ta' kull parti, Wara kollox, jekk il-Bank ghalaq ghajn u dam ma pproceda legalment, din kienet ghazla tieghu u llum bl-ebda mod ma jista' jigi permess xi ksur tad-drittijiet fondamentali tad-debitur minhabba dik l-ghazla. Dan anzi seta' ta aktar cans lir-rikorenti biex jirregolaw is-sitwazzjoni taghhom u jista' jinghad ukoll fir-rigward tal-agir da parti tar-rikorrenti debituri li allegatament tawlu z-zmien moghti lilhom ghall-hlas tad-debitu u sabiex jizgumbraw mill-fond. Fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Anthony Debono nomine v. Prim Ministru (28 ta' Gunju 1984)** kien intqal addirittura li d-debitur fuq kollox seta' jevita' dawn il-proceduri kieku hallas dak li kien dovut!
>
> 48. M'hemmx dubbju li kif sewwa tghid l-ewwel Qorti, l-indhil fid-dritt fondamentali tar-rikorrenti li permezz tieghu saret l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv tal-kredituri fuq il-fond proprjeta` tar-rikorrenti debituri, u wkoll fejn tali fond ingab ghall-bejgh permezz tas-subbasta, sar skont il-ligi vigenti. Ukoll car hu l-fatt li l-iskop wara l-indhil hu wiehed legittimu, jigifieri sabiex l-Istat jassigura li hemm rimedju ghall-kreditur fleventwalita` li d-debitur jiddekadi mill-obbligu tal-hlas. Hawn il-Qorti ma ssibx li l-argumenti tal-intimati ghandhom iwassluha biex tghid illi d-drittijiet fundamentali taghhom bhala kredituri mhumiex sufficjentement salvagwardjati. F'dan l-isfond ghandu jigi applikat il-principju ta' proporzjonalita` ghaliex ghalkemm

kif sewwa ghal darb'ohra tosserva l-ewwel Qorti d-debitur ma jithalliex mil-legislatur li jahrab mill-obbligi tieghu, dak il-legislatur ghandu l-obbligu li jassigura li l-istess thares id-drittijiet fondamentali tal-kreditur ukoll. Pero` ghalkemm din il-Qorti tqis li l-prezz minimu ghall-bejgh ta' immobbli permezz tal-procedura tassubbasta kif stabbilit mis-subartikolu 319(5) tal-Kap. 12 fil-percentwali ta' 60% mill-valur reali tal-immobbli mhux dejjem jiggarantixi kumpens xieraq lir-rikorrenti, fl-istess hin il-konsiderazzjoni ta' min joffri jistghu iwasslu diversi offerenti potenzjali milli joqoghdu lura u ma joffrux – dan hafna drabi fil-prattika jwassal lill-kreditur li jixtri l-proprjeta` hu. L-intimati jressqu diversi argumenti ghaliex dan il-prezz hu wiehed gustifikat fil-konfront tal-kreditur. Il-Bank jghid li llum is-sitwazzjoni hi tali li l-kreditur qed ikollu jixtri l-immobbli hu stess bil-problemi kollha taghha, u b'hekk jithallas ta' lanqas parti mid-debitu. Huwa minnu li generalment dik l-immobbli tkun mghobbija b'debiti u difetti mahluqa mid-debitur stess ghalkemm il-Bank ma jkompliex jispjega u jghid kif dan hu hekk fil-kaz odjern. Huwa ukoll fatt li l-argumenti tar-rikorrenti jekk imgebbed oltre mizura, jistghu iwasslu ghal abbuzi da parti ta' debituri li kif stabbilit mis-sentenza appellata addirittura ippremjat lill-istess debituri. F'dan il-kaz ukoll, li hu zgur hu li d-debituri ghadhom jokkupaw il-fond u dan fih innifsu ibieghed offerenti potenzjali.'.

Illi din il-Qorti tikkondividi dak iddikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali dwar dan l-ilment u ghall-finijiet ta' din it-tieni parti tal-ilment taghmel taghha l-argument mressqa f'dik id-decizjoni bhala parti ntegrali mid-decizjoni odjerna. Ghaldaqstant ser tghaddi sabiex tichad din il-parti tat-tieni lment kostituzzjonali tar-rikorrenti kif relatat mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-

Konvenzjoni Ewropea.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi dan l-ilment kostituzzjonali kif isegwi:

1) Tichad it-tieni eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tiddikjara li r-rikorrenti garrbu ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea konsegwenza tad-dewmien;

2) Tilqa' limitatament l-eccezzjoni ndikata 3.1.1 tal-kjamat in kawza HSBC Bank Malta plc u tiddikjara li m'huwiex legittimu kontradditur fir-rigward tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet;

3) Tilqa' l-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u l-kjamat in kawza sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz;

4) Tilqa' limitatament l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrenti sofrew vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta rizultat ta' dewmien eccessiv biex jigi mismugh u deciz l-appellipprezentat minnhom relatat mal-kawza bin-numru 1047/2011 AF, filwaqt li tichadha fil-kumplament;

5) Tichad it-tieni talba;

6) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba stante li fil-mori l-appell gie appuntat u gie dikjarat dezert;

7) Tilqa' limitatament ir-raba' talba u tordna l-ħlas ta' kumpens lir-rikorrenti mill-Avukat tal-Istat fl-ammont ta' erbat elef Euro (€4,000) rapprezentanti danni pekunjarji, filwaqt li tiċħad il-kumplament tat-talba;

8) Tilqa' limitatament il-ħames talba u tordna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji tar-rikorrenti u relatati mar-rikors kostituzzjonali odjern, limitament iżda għal dawk l-ispejjeż relatati mal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talba.

9) Tiċħad it-talbiet rimanenti tar-rikorrenti.

L-ispejjeż tar-rikorrenti u l-Avukat tal-Istat li għadhom mhux deċiżi jiġu sopportati mill-parti rispettiva, filwaqt li l-Avukat tal-Istat jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha tal-bank kjamat fil-kawża.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Settembru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Reġistratur**
**30 ta' Settembru, 2021**